



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Frar 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0017(COD)

6117/19
ADD 3

CLIMA 40
ENV 111
MAR 25
MI 115
ONU 8
CODEC 310
IA 38

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Frar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2019) 11 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĦDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 biex titqies b'mod xieraq is-sistema globali tal-ġbir tad-data għad-data dwar il-konsum taż-żejt tal-fjuwil mill-bastimenti

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2019) 11 final.

Mehmuż: SWD(2019) 11 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.2.2019
SWD(2019) 11 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 biex titqies b'mod xieraq is-sistema globali tal-
għbir tad-data għad-data dwar il-konsum taż-żejt tal-fjuwil mill-bastimenti**

{COM(2019) 38 final} - {SEC(2019) 20 final} - {SWD(2019) 10 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv	
A. Il-ħtieġa għall-azzjoni	
Għalfejn? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?	Skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2015/757 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO ₂) mit-trasport marittimu ("MRV tal-UE"), il-Kummissjoni tipproponi li temenda l-MRV tal-UE biex titqies kif xieraq is-Sistema tal-Ġbir tad-Data għall-konsum taż-żejt tal-fjuwil mill-bastimenti stabbilita mill-OMI.
X'inhu mistenni tikseb din l-inizjattiva?	L-għan hu li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni armonizzata taż-żewġ sistemi tal-MRV filwaqt li jinżammu l-għanijiet tal-MRV tal-UE, jiġifieri li tinżamm ġabra ta' data affidabbli u vverifikata dwar l-emissjonijiet tas-CO ₂ fil-livell tal-bastimenti individwali biex tistimula l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija u biex tinforma d-deċiżjonijiet futuri tat-tfassil tal-politika.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?	Billi jinżamm sett wieħed ta' rekwiżiti tal-MRV fil-livell tal-Unjoni, l-azzjoni proposta tiżgura li d-data dwar l-emissjonijiet tas-CO ₂ mill-bastimenti tibqa' komparabbli u affidabbli.
B. Soluzzjonijiet	
X'inhuma l-alternattivi ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li tqiesu? Hemm alternattiva ppreferuta? Għalfejn?	Filwaqt li l-alternattiva ta' allinjament tat-"tmexxija" u tar-"rappurtar tas-CO₂" twarrbet minn qabel biex jiġu ppreservati l-għanijiet tal-MRV tal-UE, ġew iwwalutati tliet alternattivi ta' politika. L-alternattiva 1 kienet tirrifletti x'jiġri jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni. L-alternattiva 2 iwwalutat diversi xenarji ta' razjonalizzazzjoni biex jonqos il-piż amministrattiv u jkun salvagwardati l-għanijiet tal-MRV tal-UE. L-alternattiva 3 kienet tirrifletti l-armonizzazzjoni teknika sħiħa taż-żewġ sistemi. Bi qbil mal-alternattiva 2, l-alternattiva ppreferuta hija li ż-żewġ sistemi jiġu razjonalizzati rigward id-definizzjonijiet, il-parametri tal-monitoraġġ, il-pjanijiet u l-mudelli tal-monitoraġġ biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, iżda li ma jinbidlux ir-rekwiżiti tat-tmexxija, tal-kamp ta' applikazzjoni, tal-verifika, tat-trasparenza u tar-rappurtar tas-CO₂, biex jiġu ppreservati l-għanijiet tal-MRV tal-UE.
Liema azzjoni u min jappoġġaha?	L-alternattiva 2 taqbel mal-prijoritajiet li semmew il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati li ħadu sehem fil-konsultazzjoni pubblika online u li enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu allinjati l-aspetti tekniċi. Fl-istess ħin, jekk jinżamm l-approċċ tal-UE għall-verifika u t-trasparenza, dan ikun jaqbel mal-pożizzjoni tas-soċjetà ċivili, tad-dinja akkademika, taċ-ċittadini u tal-Istati Membri.
C. L-impatti tal-alternattiva ppreferuta	
X'inhuma l-vantaġġi tal-alternattiva ppreferuta (jekk jeżistu, jekk le, x'inhuma l-vantaġġi ewlenin)?	L-alternattiva ppreferuta żżomm il-vantaġġi tal-MRV tal-UE rigward l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi, u tnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji.
X'inhuma l-iżvantaġġi tal-alternattiva ppreferuta (jekk jeżistu, jekk le, x'inhuma l-iżvantaġġi ewlenin)?	L-alternattiva ppreferuta tissimplifika ċerti aspetti taż-żewġ sistemi tal-MRV, u għalhekk tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż assoċjati għall-bastimenti li jridu jirrapportaw għaż-żewġ sistemi tal-MRV.
Kif se jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?	Filwaqt li n-negozji soġġetti għaż-żewġ sistemi se jibbenefikaw għax jonqsilhom il-piż amministrattiv, madwar 99 % tal-SMEs tat-trasport marittimu mhumiex affettwati għax il-bastimenti b'tunnellaġġ gross inqas minn 5000 GT mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tal-MRV tal-UE.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali?	Mhux se jkun hemm impatt sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali għax is-sistema tal-MRV tal-

UE diġà qiegħda fis-seħħ. Madankollu din jaf iżżid l-obbligi tar-rappurtar tal-Istati tal-bandiera.
Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħrajn?
Ma ġewx identifikati impatti oħrajn.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Hu previst li jsir monitoraġġ regolari permezz ta' informazzjoni dwar firxa ta' indikaturi li se jingħataw mill-Istati Membri kull sentejn.